32005D0517)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Novembru 2004

dwar l-iffirmar ta' Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fil-programmi Komunitarji

(2005/517/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 13, 71, 80, 95, 127, 137, 149, 150, 151, 152, 153, 157, 166, 175, 280 u 308 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim Kwadru mar-Repubblika ta' l-Albanija dwar prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi Komunitarji.

(2) Soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, il-Ftehim inizjalat fit-2 ta' Settembru 2004 għandu jiġi ffirmat,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Soġġett għall-possibbiltà ta' konklużjoni f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna awtorizzata biex tiffirma, f'isem il-Komunitá Ewropea, il-Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Republika ta' l-Albanija fil-programmi Komunitarji.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Novembru 2004.

Għall-Kunsill

Il–President

B. R. BOT